# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 57/2016**

Il-Pulizija

vs

**Charles Abela**

detentur tal-karta tal-identita' numru 82679(M)

Illum 30 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Charles Abela quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fil-25 ta' Ġunju, 2015 03:45 PM bil-vettura ABJ275 ġewwa L-MIZIEB LIMITI TAL-MELLIEĦA

[1] Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku ieħor waqt li ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi (Kap 65 Artiklu 15A (1))

[2] Soqt jew ppruvajt ssuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f`post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun iżjed mil-limitu preskritt (Kap 65 Artiklu 15B (1)).

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jiġi skwalifikat mill-Liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta` żmien ta` mhux inqas minn sitt (6) xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-2 ta' Frar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 15B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, immultatu multa ta' €2,000.00 liema multa għandha titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100.00 fix-xahar, l-ewwel pagament għandu jsir fil-1 ta' Marżu 2016, b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor kif ukoll issospendilu il-liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur minn għada millum u ordnat lill-Kummissjarju tal-Puluzija sabiex jeleva mingħand l-akkużat il-liċenzja tas-sewqan minnufih b'dan illi dina għandha tiġi ritornata lill-akkużat wara li jkun skada it-terminu tas-sospensjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Charles Abela minnu ppreżentat fil-11 ta' Frar, 2016 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tvarja is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sabiex dina tkun aktar ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ speċjalment fil-parti fejn ġiet inflitta is-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' sitt (6) xhur sabiex tali sospensjoni tiġi ma tiġix applikata meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi primarjament l-akkużat jħossu aggravat bid-deċizjoni tal-Onorabbli Qorti peress li fil-proċeduri huwa ma kienx assistit u lanqas kien jaf bil-proċeduri qabel is-seduta.

1. Illi huwa deher quddiem l-Onorabbli Qorti mhux assistit, lanqas biss kien jaf li kien notifikat u kien hemm mandat *in vigore*, kien għadu ġej mill-esteru u meta deher quddiem l-Onorabbli Qorti lanqas biss kien jaf fuq x'hiex kien akkużat u x'kienu jġibu magħhom tali akkużi.

2. Illi l-appellant lanqas biss kellu ċans jikkonsulta ma l-avukat tal-fiduċja tiegħu u l-Qorti anke kif jidher mill-atti ma tagħtux dina l-opportunita'.
3. Illi dan d-dritt ġie ikkonferament mill-Qorti tal-Appell Kostituzzjonali fis-sentenza **'Il-Pulizija v. Victor Caruana et**' fis-27 ta' Novembru 1991 fejn qalet illi:

   *"Id-dritt li l-imputat jkun assistit mill-avukat tal-fiduċja huwa element essenzjali tad-dritt għas-smiegħ xieraq"*

4. Barraminnhekk, l-Qorti hawn fuq imsemmija fil**-Pulizija v. Albert Sammut** fit-30 ta' Ottubru 1989 qalet illi:

   *"Issa minn eżami tal-proċess jidher abondantement car li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-appellat kien gie mogħti din il-għażla. Infatti jidher mid-dokument a fol. 4 tal-proċess li meta ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-appellant kien ġie avżat, fost ħwejjeġ oħra, li jista', jekk irid, iqabbad Avukat u Prokuratur Lgali biex jgħinuh. Dik il-Qorti għalhekk avżatu bid-dritt tiegħu li jkollu rapprezantanza legali u jekk huwa ma kellux rapprezantanza legali, "imputet sibi". Kieku huwa ried iqabbad rappreżentant legali, il-Qorti qaltlu espressament li dan seta' jagħmlu. Jekk ma qabbadx rappreżentant legali, dan ifisser li hu għażel li jiddefendi ruħu personalment."*

5. Għaldaqstant, fil-każ odjern ma jistax jingħad illi l-appellant ġie mogħti din l-opportunita', u dana jista' faċilment jiġi ikkonstat mill-atti tas-sentenza li minnha qiegħed jiġi intavolat dana l-appell.

It-tieni aggravju huwa allaċċiat mal-ewwel aggravju *stante* li in vista' li ma kienx jaf x'inhuma l-konsegwenzi u l-piena *stante* li ma kienx assistit u jħoss li l-piena fiċ-ċirkostanzi ser tkun

ta‘ detriment għalih u għal familja tiegħu u li hija eċċessiva.

6. Illi l-appellant ma kienx jaf għaliex qiegħed jikkommetti ruħhu meta rreġistra tali ammissjoni u ma basarx li l-konsegwenzi kienu ser jkunu tali li jkollu is-sospensjoni tal-liċenza għal sitt xhur li żgur tfisser li dana ser jispiċċa bla xogħol għaliex huwa jaħdem self employed u l-ħin kollu jiġi bżonn li juża l-vettura tiegħu biex jmur minn fuq lant tax-xogħol għal ieħor.
7. Illi l-appellant huwa raġel tal-familja u jaħdem fix-xogħol tal-kisi. Ix-xogħol tiegħu jirrikjedi l-użu ta' kuljum, kemm għalih u kemm għall-ħaddiema tiegħu, tal-vettura tiegħu u għalhekk permess ta' din l-ordni tas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan, huwa sab ruħu fi stat illi ma jistax jezegwigi x-xogħol ta' kuljum.
8. Illi għalhekk l-appellant jinsab f'diffikulta kif ser jeżigi x-xogħol tiegħu illi minħabba l-ġarr ta' ċertu materjali essenzjali tan-natura ta' xogħol tiegħu, dawn ikunu jridu jinġarru bil-fors minn vettura sabiex jittieħdu minn post għall-ieħor u mhuwiex possibli li dan isir b'xi metodu alternattiv. Għaldaqstant l-appellant ser jispiċċa jitlef ħobżu u dan ser iħalli l-effetti tiegħu mhux biss fuqu iżda wkoll fuq l-familja tiegħu li jmantni.
9. Illi l-appellant huwa raġel tal-familja b’uliedu minuri li jiddependu fuq l-introjtu tiegħu, u avolja martu taħdem wkoll lanqas jkun ġust u infatti huwa wkoll impossibli li l-konjuġi Abela jgħixu bil-paga tal-mara biss peress li l-appellant jkun jispiċċa bla xogħol.
10. Wieħed jrid jifhem wkoll li barra l-kuntratti pendenti li għandu huwa ser jitlef il-klijenti tiegħu kollha u diffiċli sabiex jerġa‘ jirkupra finanzjarjament, kemm hu u kemm il-familja tiegħu kollha.
11. Illi in vista ta‘ dan l-Appellant qiegħed jintavola dana l-Appell u anke f’dan l-istadju u quddiem dina l-Onorabbli Qorti jitlob li huwa jiddisponi ruħu mill-artikolu 30(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitoli disa' (9) tal-Liġi ta' Malta illi jipprovdi illi:

> *Kull persuna li minħabba li tkun instabet ħatja taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, ikollha warrant, liċenza, permess jew awtorità miżmuma, jew tkun skwalifikata milli żżomm jew tikseb xi warrant, liċenza, permess jew awtorità, il-qorti tista’, fuq talba ta’ dik il-persuna, skont ma jidhrilha xieraq, wara li tieħu kont tal-kondotta tagħha, tal-imġieba tagħha wara li tkun instabet ħatja, tax-xorta tar-*

*reat u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u wara li tisma' lill-Pulizija fil-każ ta' talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew lill-Avukat Ġenerali fil-każ ta' talba quddiem xi qorti oħra, jew tneħħi s-sospensjoni jew l-iskwalifika minn dik id-data li jogħġobha tiffissa jew tiċħad it-talba.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

**L-ewwel aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda l-fatt li ma kellux avukat u ma kienx jaf il-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tiegħu:**

Illi huwa kien ġie debitament notifikat imma ma deherx għall-ewwel seduta għaldaqstant kien inħareġ mandat t' arrest fir-rigward tiegħu.

Illi meta jiġi notifikat għas-seduta l-akkużat jiġi infurmat ukoll bl-akkużi li nħarġu fil-konfronti tiegħu. Għaldaqstant kien jaf fuq xiex kien qed jiġi akkużat.

Illi l-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienet appuntata għall-1 ta' Diċembru, 2015 u ma kienx deher għaliha u t-tieni seduta fejn kien tressaq permezz ta' mandat t'arrest u ammetta kienet fit-2 ta' Frar, 2016 . L-appellant kellu ċans kieku ried jieħu parir jew jitlob lil avukat ta' fiduċja tiegħu jassistih għas-seduta.

Inoltre, mill-fedina penali tiegħu jidher li ma kinitx l-ewwel darba li deher il-Qorti fuq akkużi oħra jiġifieri kien jaf li jekk ried kellu jqabbad avukat ta' fiduċja tiegħu.

Illi fil-verbal ma jirriżultax li l-appellant talab li jkun assistit minn avukat jew talab differiment għal din ir-raġuni . Huwa ammetta l-akkużi miġjuba fil-konfronti tiegħu anke wara li l-istess Qorti reġgħet tagħtu ż-żmien biex jirrikunsidra l-ammissjoni tiegħu.

Il-fatt li ma kienx jaf li hemm konsegwenzi serji għall-ammissjoni tiegħu mhijiex skużanti.

**Ammissjoni tal-akkużi**

L-appellant ammetta l-akkużi miġjuba fil-konfronti tiegħu kemm quddiem l-Ewwel Qorti u kif wkoll mal-Pulizija stess. Dan tal-aħħar jirriżulta mill-affidavit ta' PS 419 A Buttigieg a folio 7 tal-proċess :

*'.....Meta telqet l-ambulanza, Charles Abela kellu riħa qawwija ta' xorb u kif ukoll beda jixxengel meta pprova jimxi ġie infurmat dwar is-suspett li kellha l-pulizija, huwa kien ser jiġi eskortat l-għassa tal-Qawra biex isirlu l-breathalyzer test fejn dan* ***mill-ewwel stqarr lli kien żbalja għaliex kien xorob****. Ġewwa l-għassa l-Qawra , infurmajtu li kien ser isirlu l-breathalyzer test fuq suspett li kellha l-pulizija li seta saq il-vettura tiegħu meta kien xurban, kif ukoll li kellu dritt li jirrifjuta t-test kif ukoll ir-rifjut huwa reat fejn huwa għażel li jagħmel t-****test fejn irriżulta fil-posittiv b'114ug/100ml.'***

Ili l-limitu stabbilit fil- liġi huwa ta' 22 mikrogramma ta' alkoħol f'100 millilitru ta' nifs (Artikolu 15 I Kap 65) u l-ammont li ġie ikkalkulat fuq l-appellant huwa 'il fuq minn ħames darbiet iktar minn dak permess bil-liġi.

Il- Qorti tal-appell Kriminali fil-każ Il-Pulizija vs Alexander Scerri ( Appell Numru 6/2001) deċiż fit-30 t'April, 2001 rigward ammissjoni , l-Qorti kienet qalet is-segwenti:

*'Hu evidenti li meta wiehed jirregistra ammissjoni ikun qiegħed jassumi rresponsabbilta` penali kollha ta' dak li jkun qed jiġi akkużat bih, fis-sens li jkun qed jammetti mhux biss l-element materjali tar-reat in kwistjoni iżda anke l element formali tiegħu'.*

**Is-sospensjoni tal-liċenżja għal żmien sitt xhur peress li x-xogħol tiegħu jinvovli ħafna sewqan għat-trasport tal-affarijiet biex jaħdem.**

Illi l-artikolu 15H tal- Kap 65 huwa ċar u s-sospensjoni tal-liċenzja hija tassativa għall-minimu ta' sitt xhur meta wieħed jinqabad isuq vettura taħt l-influenza tax-xorb għall-ewwel darba. Għaldaqstant it-terminu tas-sospensjoni tal-liċenzja , f' dan l-istadju ma jistax jitnaqqas iktar milli hu.

**L-Applikazzjoni tal-Artikolu 30 (2) tal-Kap 9**

L-Artikolu 30 (2) tal-Kap 9 li jagħmel referenza għalih l-appellant jgħid is-segwenti:

'*Kull persuna li minħabba li tkun instabet ħatja taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, ikollha warrant, liċenza, permess jew awtorità miżmuma, jew tkun skwalifikata milli żżomm jew tikseb xi warrant, liċenza, permess jew awtorità, il-qorti tista', fuq talba ta' dik il-persuna, skont ma jidhrilha xieraq, wara li tieħu kont tal-kondotta tagħha, tal-imġieba tagħha* ***wara li tkun instabet ħatja****, tax-xorta tar-reat u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u wara li tisma' lill-Pulizija fil-każ ta' talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew lill-Avukat Ġenerali fil-każ ta' talba quddiem xi qorti oħra, jew tneħħi s-sospensjoni jew l-iskwalifika minn dik id-data li jogħġobha tiffissa jew tiċħad it-talba:*

*Iżda, meta talba taħt dan is-subartikolu tiġi miċħuda, ma tistax tiġi milqugħa talba oħra fuq l-istess ħaġa jekk issir fi żmien tliet xhur mid-data taċ-ċaħda.'*

Għaldaqstant dan l-artikolu , jista' **jiġi applikat biss wara li l-każ jkun deċiż** u mhux fl-istadju tal-appell jew qabel. L-appellant jista' jagħmel talba għat-tnaqqis rigward is-sospensjoni tal-liċenzja wara l-eżitu ta' din il-kawża.

Din il-Qorti ssib illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet ragjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Għalhekk mhux il-każ illi d-deskrezzjoni tal-Ewwel Qorti tiġi disturbata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell ta’ Charles Abela u tikkonferma s-sentanza appellata.